**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2023/2110(INI)**

13.10.2023

# EMENDI
# 1 - 181

**Abbozz ta' rapport**
**Tsvetelina Penkova**
(PE752.629v01-00)

Inżidu l-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali u teknoloġika permezz ta' ambjent favorevoli għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu ((2023/2110(INI))

AM_Com_NonLegReport

**Emenda 1**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-Rapport tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Ottubru 2018 dwar "Teknoloġiji tar-reġistru distribwit u blockchains: noħolqu l-fiduċja bid-diżintermedjazzjoni" u b'mod partikolari l-paragrafi 22 u 23 tiegħu,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) stabbilit bir-Regolament Orizzont Ewropa (UE) 2021/695),*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew dwar l-istat tal-Unjoni tal-SMEs (2023/2750(RSP) mit-12 ta' Lulju 2023 u*** |

***l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li ġejja tat-12 ta' Settembru 2023 dwar il-Promozzjoni tal-SMEs Ewropej: Il-Kummissjoni tipprovdi għajnuna ġdida biex tagħti spinta lill-kompetittività u lir-reżiljenza tal-SMEs, jiġifieri l-Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs (COM(2023) 535 final),***

Or. en

**Emenda 4**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -A (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-A. billi aspett ċentrali ta' attività intraprenditorjali ta' suċċess huwa l-abbiltà li tipprovdi prodotti jew servizzi kompetittivi lill-klijenti fuq skala profittabbli, li jimplika li għal dawk li jfasslu l-politika, l-aktar triq effettiva għall-promozzjoni tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu fl-Unjoni hija l-iffaċilitar tad-dħul fis-suq, espansjoni tan-negozju u aċċess għall-kapital;*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-Aa. billi n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu huma kkaratterizzati minn riżorsi personali limitati u kapaċità*** |

| | |
|---|---|
| | ***komparattivament limitata biex jikkonformaw ma' reġimi regolatorji kumplessi jew ma' proċeduri ta' finanzjament;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-Ab. billi d-dgħufija tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni żżid l-ostakli għad-dħul fis-suq ta' negozji ġodda u ta' negozji li qed jespandu u b'hekk ixekkel l-allokazzjoni kompetittiva tal-kapital ibbażata fuq il-mertu;*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Kummissjoni għandha fis-seħħ diversi inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-intraprenditorija, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fl-UE, bħall-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, id-deċennju diġitali u l-istrateġija tas-suq uniku diġitali; | A. billi l-Kummissjoni għandha fis-seħħ diversi inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-intraprenditorija, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fl-UE, bħall-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, id-deċennju diġitali u l-istrateġija tas-suq uniku diġitali***, kif ukoll programmi ta' finanzjament iddedikati għall-innovazzjoni f'diversi flussi ta' politika,*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'mod partikolari l-politika ta' koeżjoni u l-politika ta' riċerka u innovazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 8**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Kummissjoni għandha fis-seħħ diversi inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-intraprenditorija, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fl-UE, bħall-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, id-deċennju diġitali u l-istrateġija tas-suq uniku diġitali; | A. billi l-Kummissjoni għandha fis-seħħ diversi inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-intraprenditorija, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fl-UE, bħall-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, ***tabella tal-ekoinnovazzjoni, Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI), il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Ragruppamenti,*** id-deċennju diġitali u l-istrateġija tas-suq uniku diġitali**,** ; |

Or. en

**Emenda 9**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-UE hija impenjata li ttejjeb il-kompetittività industrijali u teknoloġika tagħha fis-suq globali ***u*** tirrikonoxxi l-ħtieġa li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha permezz ta' appoġġ sostnut għat-tkabbir ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu; | B. billi l-UE hija impenjata li ttejjeb il-kompetittività industrijali u teknoloġika tagħha fis-suq globali***, tnaqqas id-dipendenza tagħha minn pajjiżi terzi u tkun mexxejja fit-tranżizzjoni ekoloġika u fit-tranżizzjoni diġitali u għalhekk*** tirrikonoxxi l-ħtieġa li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha permezz ta' appoġġ |

| | |
|---|---|
| | sostnut għat-tkabbir ta’ negozji ġodda u negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 10**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-UE hija impenjata li ttejjeb il-kompetittività industrijali u teknoloġika tagħha fis-suq globali u tirrikonoxxi l-ħtieġa li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha permezz ta’ appoġġ sostnut għat-tkabbir ta’ negozji ġodda u negozji li qed jespandu; | B. billi l-UE hija impenjata li ttejjeb il-kompetittività industrijali u teknoloġika tagħha fis-suq globali u tirrikonoxxi l-ħtieġa li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha permezz ta’ appoġġ sostnut għat-tkabbir ta’ negozji ġodda u negozji li qed jespandu ***peress li jistgħu jrawmu l-innovazzjoni u jwasslu għal progress fl-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali***; |

Or. en

**Emenda 11**
**Johan Nissinen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-UE tirrikonoxxi l-potenzjal tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu biex jixprunaw l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, jippromwovu s-sostenibbiltà u jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-programm Ewropa diġitali, l-aġenda Ewropea l-ġdida għall-innovazzjoni u l-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE; | C. billi l-UE tirrikonoxxi l-potenzjal tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu biex jixprunaw l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, jippromwovu s-sostenibbiltà u jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-programm Ewropa diġitali, l-aġenda Ewropea l-ġdida għall-innovazzjoni u l-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE***. jesprimi*** |

| | |
|---|---|
| | ***dispjaċir għall-fatt li l-approċċ tal-Patt Ekoloġiku tal-UE huwa bbażat fil-biċċa l-kbira fuq projbizzjonijiet, burokrazija u miri dettaljati; ifakkar b'kuntrast li l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni tal-Istati Uniti (IRA), jibbaża esklużivament fuq inċentivi tas-suq, sabiex jevita l-mikroġestjoni u li l-leġiżlaturi tal-Istati Uniti jagħżlu r-rebbieħa u t-telliefa; huwa konvint li l-approċċ tal-IRA jevita ostakli burokratiċi u jipproduċi settur tal-SMEs aktar kompetittiv, sostenibbli u innovattiv fit-tul***; |

Or. en

**Emenda 12**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-UE tirrikonoxxi l-potenzjal tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu biex jixprunaw l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, jippromwovu s-sostenibbiltà ***u jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew***, il-programm Ewropa diġitali, l-aġenda Ewropea l-ġdida għall-innovazzjoni u l-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE; | C. billi l-UE tirrikonoxxi l-potenzjal tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu biex jixprunaw l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, jippromwovu s-sostenibbiltà ***tat-tranżizzjoni tal-enerġija Ewropea***, il-programm Ewropa diġitali, l-aġenda Ewropea l-ġdida għall-innovazzjoni u l-istrateġija industrijali aġġornata tal-UE; |

Or. it

**Emenda 13**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ca.	billi t-trawwim tal-innovazzjoni transsettorjali, l-inkoraġġiment tal-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-għarfien fost diversi industriji, huwa imperattiv għall-ixprunar tal-kreattività, l-effiċjenza u t-tkabbir trasformattiv fix-xenarji tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu;***

Or. en

**Emenda 14**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ca.	billi n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu bħalissa huma mxekkla minn nuqqas ta' integrazzjoni tas-suq intern, diskrepanzi fir-regolamentazzjoni u piżijiet amministrattivi eċċessivi;***

Or. en

**Emenda 15**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ca.	billi l-ħtiġijiet tan-negozju u l-isfidi speċifiċi tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu ta' spiss huma ta' natura differenti minn dawk ta' SMEs stabbiliti;***

Or. en

**Emenda 16**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi t-trawwim ta' ekosistema inklużiva ta' negozji ġodda huwa ta' importanza kbira, li jenfasizza s-sinifikat tad-diversità fit-timijiet u fit-tmexxija bħala katalist għall-innovazzjoni, għall-kreattività u għar-reżiljenza;*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi l-kompetittività Ewropea għadha lura meta mqabbla ma' ekonomiji żviluppati oħra, u qed thedded il-potenzjal tal-Ewropa li tiġġenera ġid u prosperità;*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cc. billi infrastruttura diġitali robusta u konnettività mifruxa huma prerekwiżiti fundamentali u faċilitaturi essenzjali ta' innovazzjoni diġitali inklużiva għan-*** |

***negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu; billi, f'dan ir-rigward, hemm differenzi reġjonali sinifikanti fl-UE; billi hemm bżonn ta' aktar investiment u avvanzi fl-infrastruttura diġitali biex wieħed ilaħħaq mat-teknoloġiji li qed jevolvu u biex l-UE tibqa' minn ta' quddiem fl-innovazzjoni fuq livell globali;***

Or. en

**Emenda 19**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cd. billi minn għaxar teknoloġiji trażversali li jinkludu l-IA, il-computing kwantistiku u l-cloud, l-Ewropa hija l-aqwa fi tnejn biss;[1a]*** |

***[1a] Securing Europe's competitiveness: Addressing its technology gap, (Niżguraw il-kompetittività tal-Ewropa: Nindirizzaw id-distakk teknoloġiku tagħha) McKinsey, 2022.***

Or. en

**Emenda 20**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ce (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ce. billi l-ambjent regolatorju għandu jitfassal b'mod li jistimula l-innovazzjoni, jippromwovi kompetizzjoni b'saħħitha, u jiżgura l-benefiċċji massimi għall-*** |

| | |
|---|---|
| | ***konsumaturi;*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cf (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cf. billi hemm disparitajiet storiċi evidenti bejn il-kulturi ta' investiment tal-Ewropa u reġjuni oħra tad-dinja, b'mod partikolari fil-kapital ta' riskju (VC) u l-investiment angel;*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Dace Melbārde**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament***, filwaqt li tqis kif dawn ivarjaw minn xulxin u d-distinzjoni*** ċara ***bejniethom u l-SMEs***; | 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni ***mill-qrib*** mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ***u espansivi*** ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament***; huwa tal-fehma li d-definizzjonijiet iridu jiġu fformulati b'mod metikoluż, meta jitqiesu l-irqaqat tagħhom u d-differenzjazzjoni*** ċara ***mill-SMEs, bil-għan li jiġu inkluż ambitu wiesa' sabiex jipprevjeni l-esklużjoni involontarja ta' kwalunkwe negozju ġdid jew negozju li qed jespandi potenzjali minħabba definizzjoni restrittiva***; ***jinnota li l-karatteristiċi distintivi ta' negozju ġdid, fost l-oħrajn, huma l-potenzjal ta' tkabbir malajr u l-innovazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Johan Nissinen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament, filwaqt li tqis kif dawn ivarjaw minn xulxin u d-distinzjoni ċara bejniethom u l-SMEs; | 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament, filwaqt li tqis kif dawn ivarjaw minn xulxin u d-distinzjoni ċara bejniethom u l-SMEs***; madankollu għandu jitfittex li jinstab bilanċ bejn l-istandardizzazzjoni u l-flessibbiltà, peress li ma hemm l-ebda definizzjoni waħda għal kulħadd li tista' tindika l-kumplessità tax-xenarju intraprenditorjali***; |

Or. en

**Emenda 24**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament, filwaqt li tqis kif dawn ivarjaw minn xulxin u d-distinzjoni ċara bejniethom u l-SMEs; | 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ***u wiesa*** ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament, ***abbażi tal-iskalabbiltà u*** filwaqt li tqis kif dawn ivarjaw minn xulxin u d-distinzjoni ċara bejniethom u l-SMEs; |

Or. en

**Emenda 25**
**Ivars Ijabs, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Klemen Grošelj, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament, filwaqt li tqis kif dawn ivarjaw minn xulxin u ***d-distinzjoni ċara bejniethom u*** l-SMEs; | 1. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tipproponi definizzjonijiet armonizzati ta' negozju ġdid u negozju li qed jespandi rispettivament, filwaqt li tqis kif dawn ivarjaw minn xulxin u ***l-istatus partikolari tagħhom rigward*** l-SMEs; |

Or. en

**Emenda 26**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jisħaq li, fl-ekonomiji tas-suq, il-mekkaniżmu primarju li jiffinanzja l-ħtiġijiet kapitali tan-negozji, inklużi dawk ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu huwa permezz ta' dejn privat u swieq azzjonarji; iħeġġeġ it-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex timmobilizza l-kapital privat u ttejjeb il-moviment transfruntier ta' tali kapital fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-elenkar tan-negozji li qed jespandu fil-boroż Ewropej, inkluż billi tarmonizza l-istandards ta' rappurtar, ir-rekwiżiti tal-elenkar u r-regoli ta' divulgazzjoni għall-elenkar standard ta' kapitalizzazzjoni żgħira u ta' dħul;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-gvernijiet lokali jagħmlu l-klima kummerċjali u l-kompetittività bħala prijorità fl-aġendi politiċi tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 28**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoordinaw aktar l-isforzi rispettivi tagħhom biex jattiraw kapital privat f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu biex jaqsmu l-"widien tal-mewt" suċċessivi u jimlew il-lakuni rispettivi;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***1c. Huwa tal-fehma li l-għodda ta' politika ta' investiment ta' ekwità minn istituzzjonijiet pubbliċi, b'mod partikolari, għandha tibqa' eċċezzjoni u għandha, bħala prinċipju ta' gwida ġenerali, tindirizza biss il-fallimenti tas-suq;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jesprimi tħassib dwar il-fatt*** li ġew ippubblikati diversi komunikazzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE dwar negozji ġodda, minkejja li s'issa għadha ma ġiet adottata l-ebda definizzjoni konkreta ta' negozju ġdid u ta' negozju li qed jespandi; | 2. ***Jinnota*** li ġew ippubblikati diversi komunikazzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE dwar negozji ġodda, minkejja li s'issa għadha ma ġiet adottata l-ebda definizzjoni konkreta ta' negozju ġdid u ta' negozju li qed jespandi; |

Or. en

**Emenda 31**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jistenna li l-Kummissjoni tieħu ħsieb bl-akbar attenzjoni l-interessi ta' negozji ġodda u ta' negozji li qed jespandu fl-aċċess kompetittiv għas-suq meta tevalwa l-eżenzjonijiet mir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, ir-regoli ta' kontroll tal-fużjonijiet u t-tnaqqis tad-dispożizzjonijiet tal-politika tal-kompetizzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa jfixkel l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l-ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi u tat-tkabbir; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr diviżjoni ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; | 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa jfixkel l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l-ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi u tat-tkabbir; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr diviżjoni ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu din id-distinzjoni fil-ħidma tagħhom, bħal fil-kuntest tal-istatistika, u jistabbilixxu network iddedikat ta' konsulenti għan-negozji li qed jespandu fil-qafas tal-EEN;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa jfixkel l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l- | 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa jfixkel l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l- |

| | |
|---|---|
| ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi ***u*** tat-tkabbir; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr diviżjoni ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; | ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi***,*** tat-tkabbir ***u tal-maturità; barra minn hekk, in-negozji ġodda jinkludu elementi ta' inċertezza u riskju għoli ta' falliment, u jibbażaw fuq ekosistemi u klassi ta' investituri differenti***; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr diviżjoni ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; |

Or. en

**Emenda 34**
**Ivars Ijabs, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Klemen Grošelj, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa jfixkel l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l-ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi u tat-tkabbir; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr ***diviżjoni*** ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; | 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa jfixkel l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l-ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi u tat-tkabbir; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr ***suddiviżjoni*** ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; |

Or. en

**Emenda 35**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa ***jfixkel*** l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l-ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi u tat-tkabbir; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr diviżjoni ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; | 3. Jinsab imħasseb li n-nuqqas ta' adozzjoni ta' definizzjonijiet xierqa ***jista' jimmina*** l-effettività tal-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti; jinnota li, għalkemm in-negozji l-ġodda u l-SMEs għandhom xi interessi li jikkoinċidu, huma jvarjaw sostanzjalment ladarba jidħlu fil-fażi tal-ġbir ta' fondi u tat-tkabbir; jemmen, għaldaqstant, li meta n-negozji l-ġodda jiġu sempliċiment ikklassifikati bħala SMEs, mingħajr diviżjoni ċara, dan jillimita t-tkabbir, l-aċċess għas-swieq u l-opportunitajiet ta' investiment tagħhom; |

Or. en

**Emenda 36**
**Morten Løkkegaard, Morten Petersen, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinsab konvint li definizzjonijiet dedikati se jżidu l-opportunitajiet għal appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla għall-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu u jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali Ewropej u l-investituri privati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea komprensiva għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw dawn in-negozji fl-UE; | 4. Jinsab konvint li definizzjonijiet dedikati se jżidu l-opportunitajiet għal appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla għall-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu u jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali Ewropej u l-investituri privati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea komprensiva għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw dawn in-negozji fl-UE***, bħal piżijiet amministrattivi bla bżonn***; ***jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa kruċjali li tiġi evitata definizzjoni limitata ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, li tissogra li tfixkel il-kompetizzjoni għal xi negozji Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinsab konvint li definizzjonijiet dedikati se jżidu l-opportunitajiet għal appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla għall-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu ***u*** jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali Ewropej u l-investituri privati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea komprensiva għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw dawn in-negozji fl-UE; | 4. Jinsab konvint li definizzjonijiet dedikati se jżidu l-opportunitajiet għal appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla ***għall-ħtiġijiet u*** għall-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu ***billi*** jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali Ewropej u l-investituri privati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea komprensiva għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li ***tippromwovi l-innovazzjoni u li*** tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw dawn in-negozji fl-UE; |

Or. en

**Emenda 38**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jinsab konvint li definizzjonijiet dedikati se jżidu l-opportunitajiet għal appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla għall-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu u jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali Ewropej u l-investituri privati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea komprensiva għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw dawn in-negozji fl-UE; | 4. Jinsab konvint li definizzjonijiet dedikati se jżidu l-opportunitajiet għal appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla għall-karatteristiċi speċifiċi tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu u jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali Ewropej u l-investituri privati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea komprensiva għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu li tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw ***l-innovaturi individwali, il-fundaturi u*** dawn in-negozji |

fl-UE;

Or. en

**Emenda 39**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tivvaluta kif in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu rispettivament jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE u tqis ir-rwol tagħhom fil-proċessi ta' ppjanar bħall-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima;*** |

Or. en

**Emenda 40**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji ***mmirati*** lejn il-promozzjoni ***tal-adozzjoni*** tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji ***u jesploraw sinerġiji bejn l-inizjattivi nazzjonali u dawk Ewropej immirati*** lejn il-promozzjoni ***tal-innovazzjoni u tat-tixrid*** tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu ***fis-setturi pubbliċi u privati***; |

Or. en

**Emenda 41**
**Patrizia Toia, Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji ***mmirati*** lejn il-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji ***u regolatorji (bħal sandboxes) immirati*** lejn il-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 42**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi ***finanzjarji mmirati lejn il-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġija*** minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi ***li jippromwovu prodotti u servizzi kummerċjalizzati*** minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu***, inkluż fl-akkwist pubbliku***; |

Or. en

**Emenda 43**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji mmirati lejn il-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna li jmiss għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji ***u fiskali*** mmirati lejn il-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; |

Or. it

**Emenda 44**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna ***li jmiss*** għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji mmirati lejn il-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, bħala parti mill-pakkett ta' għajnuna għall-SMEs, jidentifikaw modi kif jintroduċu aktar inċentivi finanzjarji mmirati lejn il-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġija minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 45**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jesprimi l-apprezzament tiegħu*** |

| | |
|---|---|
| | ***għat-tħabbira tal-President Von Der Leyen waqt l-indirizz tal-2023 dwar l-Istat tal-UE rigward il-ħatra ta' rappreżentant tal-UE għall-SMEs; jenfasizza wkoll in-neċessità li dan ir-rappreżentant jagħmel analiżi komprensiva u jforni rapporti perjodiċi dwar l-istatus ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu Ewropej, li jinkludu l-ostakli u l-problemi tagħhom ta' kuljum;*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni dwar il-prinċipju "one in, one out" bħala l-ewwel pass biex titwaqqaf il-mewġa ta' regolamentazzjoni ġdida, iżda jfakkar li din sempliċement iżżomm l-istatus quo;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali għall-kisba ta' tnaqqis ta' mill-inqas 30 fil-mija fil-piżijiet regolatorji li jaffettwaw lin-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu, sabiex titnaqqas il-pressjoni tal-kost u tiġi promossa l-kompetittività;*** |

Or. en

**Emenda 48**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; | 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja ***u/jew l-iskali regolatorji***, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ ***għat-tneħħija tar-riskji u*** għall-internazzjonalizzazzjoni; |

Or. en

**Emenda 49**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, ***is-simplifikazzjoni*** regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; | 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, ***jevitaw regolamentazzjoni eċċessiva u jistinkaw għalsimplifikazzjoni*** regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; |

Or. en

**Emenda 50**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; | 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, ***billi jnaqqsu l-piż amministrattiv*** filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; |

Or. en

**Emenda 51**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u ***l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni;*** | 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi ***u t-teknoloġija***, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u ***l-internazzjonalizzazzjoni permezz tas-Suq Uniku Diġitali;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; | 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki, regolamenti u strateġiji komprensivi li jkunu allinjati mal-inizjattiva Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, ***inċentiv fiskali akbar,*** iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; |

Or. it

**Emenda 53**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw ***politiki, regolamenti u*** strateġiji komprensivi li ***jkunu allinjati mal-inizjattiva*** Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni; | 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji komprensivi li ***jappoġġjaw l-inizjattiva*** Ewropea ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu***, filwaqt li jevitaw regolamentazzjoni eċċessiva,*** u jrawmu ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jinkludu l-aċċess għall-finanzi, is-simplifikazzjoni regolatorja, iż-żamma u l-akkwist tat-talenti, u l-appoġġ għall- |

internazzjonalizzazzjoni;

Or. it

**Emenda 54**
**Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jirrikonoxxi li storikament, l-Ewropa ffaċċjat sfidi li joriġinaw minn kultura ta' investiment avversa għar-riskju, li fixklu lin-negozji ġodda fl-iżgurar ta' finanzjament vitali fi stadju bikri meħtieġ għat-tkabbir u għall-iżvilupp tagħhom; jenfasizza l-urġenza li jitnaqqas dan id-distakk u jiġi ffaċilitat ambjent li jwassal biex in-negozji ġodda jkollhom aċċess għal finanzjament essenzjali fi stadju bikri; jenfasizza r-rwol tal-investituri istituzzjonali, bħall-fondi tal-pensjoni u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, biex jallokaw parti mill-portafolli tagħhom għal kapital ta' riskju, li jipprovdu sors vitali ta' finanzjament fit-tul għan-negozji ġodda; ifakkar li l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv u t-tieni opportunità għandha l-għan li tbiddel il-kultura avversa għar-riskju fl-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***6a. Huwa konvint li t-twaqqif tal-kundizzjonijiet għan-negozji innovattivi biex joperaw f'ambjent sempliċi, ċar u prevedibbli huwa essenzjali għall-iżgurar tal-kapaċità tagħhom li jikbru u jespandu fis-Suq intern peress li l-possibbiltà li jaċċessaw suq usa' se żżid il-kapaċità tagħhom li jattiraw l-investituri;***

Or. en

**Emenda 56**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jisħaq fuq l-importanza ta' oqfsa ta' politika li jiffaċilitaw u jappoġġjaw il-kollaborazzjoni, ineħħu l-ostakli burokratiċi u jipprovdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva mill-partijiet ikkonċernati kollha fl-ekosistema tal-innovazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jenfasizza l-isfida fundamentali li jħabbtu wiċċhom magħha n-negozji ġodda Ewropej fl-aċċess għal finanzjament adegwat, li jfixkel il-potenzjal ta' tkabbir u l-kapaċità tagħhom li jinnovaw fuq skala; iħeġġeġ lill-gvernijiet, lill-istituzzjonijiet finanzjarji, u*** |

***lill-investituri privati biex jikkollaboraw u jiżviluppaw strateġiji biex jikkultivaw kultura ta' investiment aktar tolleranti għar-riskju;***

Or. en

**Emenda 58**
**Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6b. Huwa konvint mill-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-PI biex tingħata spinta lill-iżvilupp ta' negozji ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Dace Melbārde**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6c. Jirrikonoxxi li storikament, l-Ewropa ffaċċjat sfidi li joriġinaw minn kultura ta' investiment avversa għar-riskju, li fixklu lin-negozji ġodda milli jiksbu finanzjament vitali fi stadju bikri meħtieġ għat-tkabbir u għall-iżvilupp tagħhom; jenfasizza l-urġenza li jitnaqqas dan id-distakk u jiġi ffaċilitat ambjent li jwassal biex in-negozji ġodda jkollhom aċċess għal finanzjament essenzjali fi stadju bikri; jenfasizza r-rwol tal-investituri istituzzjonali, bħall-fondi tal-pensjoni u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, biex jallokaw parti mill-portafolli tagħhom għal kapital ta' riskju, li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jipprovdu sors vitali ta' finanzjament fit-tul għan-negozji ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 60**
**Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6c. Huwa tal-fehma li r-riforma tal-Privattiva Unitarja hija eżempju tajjeb tal-mod kif dawn il-prinċipji għandhom jiġu implimentati fl-interess tan-negozji ġodda peress li tipprovdi lil dawn tal-aħħar bi protezzjoni uniformi fil-pajjiżi parteċipanti kollha fuq bażi ta' punt uniku ta' servizz, u b'hekk tnaqqas il-piżijiet amministrattivi filwaqt li ġuriżdizzjoni waħda tiżgura l-konsistenza fil-każistika. Sa issa aktar minn 35 % tal-applikanti tal-UEP Ewropej li talbu l-effett tal-Privattiva Unitarja huma SMEs, meta mqabbla ma' 20 % għal privattivi Ewropej ordinarji. Nofs dawn l-SMEs huma negozji ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6d. Jistieden lid-deċiżuri Ewropej u nazzjonali jiżguraw li kwalunkwe inizjattiva meħuda kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew tal-Unjoni Ewropea tkun imfassla skont dawn il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***prinċipji u jistieden lill-Istati Membri li ma rratifikawx il-ftehim dwar il-privattiva unitarja (QUP) biex jagħmlu dan;*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6d. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jikkollaboraw mal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija biex jistabbilixxu strateġija kkoordinata għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi, jistabbilixxu miri li jistgħu jitkejlu u jivvalutaw il-progress b'mod regolari;*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Dace Melbārde**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6e. Jappella għal approċċ komprensiv għall-indirizzar tad-disparitajiet reġjonali u l-ostakli li jxekklu l-aċċess għall-finanzi fl-ekosistema Ewropea tan-negozji ġodda, li jirrikonoxxi x-xenarji finanzjarji differenti madwar l-Istati Membri u r-reġjuni;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6f. Jirrikonoxxi x-xenarju finanzjarju attwali, fejn in-negozji ġodda jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw finanzjament immirat minħabba ostakli burokratiċi u perjodi ta' stennija fit-tul wara l-approvazzjoni tal-għotja; jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-istruttura eżistenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' programmi ta' finanzjament iddedikati, konformi mar-rekwiżiti distintivi ta' negozji ġodda, filwaqt li jiġi żgurat li jkun disponibbli appoġġ finanzjarju xieraq aktar faċilment u ma jkunx soġġett għal piż amministrattiv żejjed; jisħaq, b'mod partikolari, fuq il-ħtieġa li jitħaffef l-iżborż tal-fondi approvati, li jimminimizza l-perjodu ta' stennija bejn l-approvazzjoni tal-għotja u l-irċevuta tal-fondi;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6g (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6g. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmi finanzjarji attwali ta' spiss ma jkunux aċċessibbli biżżejjed u jonqsu milli jissodisfaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet u d-dinamika unika tal-industrijji u setturi kulturali u kreattivi (CCSI); jappella għall-iżvilupp ta' skemi ta' finanzjament speċjalizzati mfassla biex jappoġġjaw it-tkabbir, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà*** |

***tal-impriżi fis-CCSI, li jiżguraw li jkollhom aċċess ekwu għal finanzjament essenzjali għall-iżvilupp u s-suċċess tagħhom;***

Or. en

**Emenda 66**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6h (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6h. Jinnota r-rwol tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għall-appoġġ tax-xena Ewropea tan-negozji ġodda; jemmen, madankollu, li hemm ħtieġa ta' aktar sforzi f'dan ir-rigward u, speċjalment, enfasi mmirata fuq l-industriji li mhumiex moqdija biżżejjed, b'mod partikolari s-CCSI;*** |

Or. en

**Emenda 67**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6i (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6i. Jissottolinja li minbarra li hija s-sisien li permezz tiegħu l-ekonomiji moderni jiksbu suċċess, l-infrastruttura diġitali taġixxi bħala katalist għat-trawwim tal-innovazzjoni billi tipprovdi ambjent li jwassal lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu biex jiżviluppaw u jvaraw teknoloġiji avvanzati; jisħaq fuq is-sinifikat li jitnaqqas id-distakk diġitali, li jiġi żgurat aċċess ekwu għall-infrastruttura diġitali fiż-żoni urbani u*** |

| | |
|---|---|
| | ***rurali, li jippermettu l-inklużività u opportunitajiet indaqs għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu kollha;*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6j (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6j. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu prijorità lill-investimenti fl-infrastruttura diġitali, billi jadottaw approċċ li jħares 'il quddiem li jappoġġja t-tkabbir u s-sostenibbiltà tan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu, filwaqt li jsaħħaħ it-tmexxija diġitali tal-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Jilqa'*** l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; | 7. ***Jinnota*** l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; ***itenni t-tħassib tiegħu dwar kwistjonijiet fl-implimentazzjoni tal-Aċċeleratur tal-EIC, u jinsab imħasseb b'mod partikolari dwar in-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-metodi tal-allokazzjoni tal-kapital fl-EIC u dwar in-nuqqas ta' obbligu ta' rendikont tal-maniġers tal-fond; jisħaq fuq ir-riskji ta' kunflitti ta' interess*** |

***inerenti għal-loġika ta' intervent tiegħu; ifakkar li l-allokazzjoni tal-kapital privat normalment tinvolvi proċessi intensi ta' diliġenza dovuta u valutazzjonijiet tar-riskju-redditu; jirrimarka t-tħassib li l-investiment ta' fondi pubbliċi tal-kontribwenti bi standards aktar baxxi ta' diliġenza dovuta jew b'tolleranza ta' riskju ogħla jeskludi l-investiment privat, u b'hekk jimmina l-prospett fit-tul ta' negozji ġodda Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika u tispjega l-proċeduri ta' diliġenza dovuta u ta' valutazzjoni tar-riskju għall-investiment ta' ekwità tagħha, u tirrapporta b'mod regolari dwar id-deċiżjonijiet meħuda;***

Or. en

**Emenda 70**
**Dace Melbārde**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; | 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; ***jappella biex il-Fond iqis il-bilanċ ġeografiku u jagħti attenzjoni speċjali lill-pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni li bħalissa mhumiex moqdija biżżejjed mill-aspett finanzjarju; iħeġġeġ lill-EIC jieħu passi proattivi biex jindirizza d-disparità sinifikanti bejn il-pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni u dawk li fihom ma tridx tiżdied il-parteċipazzjoni, kif muri mid-data;[1a] huwa tal-fehma li dawn il-miżuri huma kruċjali biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta ta' finanzjament u opportunitajiet għal negozji ġodda f'diversi ekosistemi;*** |

***[1a] Abbażi tad-data tal-EIC mill-2021-***

***2022, huwa evidenti li 70 % tal-finanzjament tal-EIC disponibbli huwa dirett lejn sitta mit-28 Stat Membru biss. Bil-kontra ta' dan, il-pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni, li jinkludu 15-il nazzjon u li jikkostitwixxu 33 % tal-popolazzjoni tal-UE, jirċievu inqas minn 10 % tal-finanzjament. Dan il-mudell jenfasizza preferenza għall-kumpaniji minn ekosistemi aktar stabbiliti, li potenzjalment ikabbar d-distakk bejn reġjuni stabbiliti sew u dawk inqas żviluppati. Hemm ħtieġa kbira ta' azzjonijiet ta' rimedju, bħall-istabbiliment ta' mira ta' finanzjament minima għall-pajjiżi li fihom trid tiżdied il-parteċipazzjoni jew l-għoti ta' punti ta' evalwazzjoni żejda jekk il-koordinatur tal-proposta jiġi minn pajjiż li fih trid tiżdied il-parteċipazzjoni, biex titrawwem allokazzjoni aktar ġusta ta' finanzjament tal-EIC u jiġu appoġġjati negozji ġodda f'ekosistemi inqas avvanzati.***

Or. en

**Emenda 71**
**Johan Nissinen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; | 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi***, madankollu jinsab imħasseb dwar il-kritika dwar il-burokrazija tal-finanzjament tal-UE b'pass kajman, li hija nieqsa mill-effiċjenza meħtieġa tal-operat tagħha, peress li n-negozji ġodda fl-imgħoddi kellhom jistennew snin għal finanzjament, li jagħmilha impossibbli li wieħed jikber bl-istess pass bħall-kompetituri fl-Istati Uniti. jiddeplora li jibqa' diffiċli ħafna li tinbena kumpanija*** |

| | |
|---|---|
| | ***tat-teknoloġija profonda skalabbli fl-UE***; |

Or. en

**Emenda 72**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; | 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi***, li huwa mfassal biex jippermetti lil Negozji Ġodda tat-Teknoloġija Profonda u lill-SMEs jiżviluppaw l-innovazzjoni tagħhom minn idea bikrija għal prodott kummerċjabbli, kif ukoll biex jespandu l-kumpanija***; |

Or. en

**Emenda 73**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; | 7. Jilqa' l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi***, bil-għan li jiġi żgurat aċċess faċli, trasferiment malajr u użu effettiv ta' dawn il-fondi***; |

Or. it

**Emenda 74**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa’ l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; | 7. Jilqa’ l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi ***u jġib opportunitajiet ġodda ta’ finanzjament, filwaqt li jiżgura li l-proċessi għall-applikazzjoni u l-użu tal-EICF ikunu faċli għan-negozji ġodda***; |

Or. en

**Emenda 75**
**Morten Løkkegaard, Morten Petersen, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jilqa’ l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; | 7. Jilqa’ l-ħolqien tal-Fond tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex jappoġġja negozji ġodda innovattivi; ***jenfasizza l-ħtieġa ta' biżżejjed finanzjament biex tingħata spinta lil negozji ġodda fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jenfasizza r-rwol kritiku tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu fit-trawwim tal-innovazzjoni u l-avvanz teknoloġiku f’diversi setturi,*** |

***inklużi t-teknoloġiji diġitali, l-intelliġenza artifiċjali, l-enerġija nadifa, il-bijoteknoloġija, u l-manifattura avvanzata;***

Or. en

**Emenda 77**
**Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b. Jirrikonoxxi li skont id-Deep Tech Finder tal-EUP, aktar minn 10 % tan-negozji ġodda Ewropej li applikaw għal privattivi Ewropej diġà bbenefikaw mill-finanzjament tal-EIC;*** |

Or. en

**Emenda 78**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament tal-UE li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament tal-UE li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; ***jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura aċċess u proċessi ta' applikazzjoni aktar faċli għal opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE u offerti kif ukoll fluss aħjar, aktar mgħaġġel u eħfef ta' fondi permezz tal-programmi kollha ta' finanzjament tal-UE, eż. għal Orizzont Ewropa, il-Fond*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, jew il-Programm tas-Suq Uniku (SMP), il-programm COSME, il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs);*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Johan Nissinen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament tal-UE li jikkontribwixxu ***għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali***; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament tal-UE ***newtrali fir-rigward tat-teknoloġija*** li jikkontribwixxu ***għat-tkabbir ekonomiku, is-sostenibbiltà u innovazzjoni, filwaqt li tagħmel sforzi kostanti biex tnaqqas il-burokrazija u l-ostakli burokratiċi tal-programmi***; |

Or. en

**Emenda 80**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament ***tal-UE*** li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament ***minn madwar l-UE fl-Unjoni*** li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; |

Or. en

**Emenda 81**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament tal-UE li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi fil-programmi u l-proġetti ta' finanzjament tal-UE ***eżistenti u futuri*** li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali; |

Or. en

**Emenda 82**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jistieden lill-Kummissjoni ***tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni*** ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu ***innovattivi*** fil-programmi ***u l-proġetti*** ta' finanzjament tal-UE ***li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali***; | 8. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiffoka l-isforzi tagħha fuq it-tħaffif tal-armonizzazzjoni tas-swieq kapitali madwar l-Unjoni, u fuq l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni*** ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu fil-programmi ta' finanzjament tal-UE; |

Or. en

**Emenda 83**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi pjan direzzjonali għall-iżvilupp tal-kapitoli tal-SMEs biex issaħħaħ id-dimensjoni tagħhom u tnaqqas il-piż regolatorju fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali futuri; jissottolinja li għandhom jiġu applikati wkoll prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar għar-ratifika tal-ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment kollha kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-atti leġiżlattivi kollha relatati mal-kummerċ u l-investiment;*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-ostakoli li n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jiffaċċjaw fl-aċċess għall-finanzjament u jfasslu proċessi tal-applikazzjoni tal-finanzjament b'mod li jippermetti lill-iżviluppaturi tal-proġetti jaċċessaw il-finanzjament b'mod faċli;*** |

Or. en

**Emenda 85**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8b. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi li bihom in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jistgħu jiġu appoġġjati fl-ippjanar ta' segwitu għall-implimentazzjoni tal-innovazzjonijiet li żviluppaw;*** |

Or. en

**Emenda 86**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jinnota l-objettivi tal-UE li jikkonċernaw l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti[2] u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif jistgħu jitressqu ***inċentivi fiskali*** addizzjonali għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu***, sabiex jitħeġġu l-investimenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-parteċipazzjoni fi proġetti b'emissjonijiet żero netti u jiġi ffaċilitat l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti*** fil-ktajjen tal-valur industrijali tal-UE; | 9. Jinnota l-objettivi tal-UE li jikkonċernaw l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti[2] u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif jistgħu jitressqu ***inizjattivi*** addizzjonali għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu ***involuti*** fil-ktajjen tal-valur industrijali tal-UE ***biex jibbenefikaw aktar mit-tellieqa globali għat-teknoloġija nadifa***; |
| [2] Il-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161). | [2] Il-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161). |

Or. en

**Emenda 87**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jinnota l-objettivi tal-UE li jikkonċernaw l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti[2] u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif jistgħu jitressqu inċentivi fiskali addizzjonali ***għal*** negozji ġodda u negozji li qed jespandu, sabiex jitħeġġu l-investimenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-parteċipazzjoni fi proġetti b'emissjonijiet żero netti u jiġi ffaċilitat l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fil-ktajjen tal-valur industrijali tal-UE; | 9. Jinnota l-objettivi tal-UE li jikkonċernaw l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra kif jistgħu jitressqu inċentivi fiskali addizzjonali ***biex tiżdied il-kompetittività ta'*** negozji ġodda u negozji li qed jespandu ***Ewropej***, sabiex jitħeġġu l-investimenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-parteċipazzjoni fi proġetti b'emissjonijiet żero netti u jiġi ffaċilitat l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fil-ktajjen tal-valur industrijali ***ekoloġiċi*** tal-UE; |
| [2] Il-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161). | [2] Il-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161). |

Or. en

**Emenda 88**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self u kapital ta' riskju, u tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi fond Ewropew iddedikat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu;

*Emenda*

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self u kapital ta' riskju, u tesplora l-possibbiltà li ***tottimizza u/jew torjenta mill-ġdid il-fondi eżistenti biex timmira n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu Ewropej b'mod aktar effettiv, inkluż sejħa speċjali għal proġetti għal teknoloġija profonda u teknoloġija ekoloġija u l-possibbiltà li*** tistabbilixxi fond Ewropew iddedikat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu;

Or. en

**Emenda 89**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self ***u kapital ta' riskju***, u ***tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi fond Ewropew iddedikat għan-negozji l-ġodda u n-negozji*** li qed jespandu;

*Emenda*

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self***, garanziji, filwaqt li tieħu ħsieb li ma teskludix l-investiment privat***, u ***torjenta mill-ġdid il-fondi eżistenti biex timmira lejn negozji ġodda u negozji*** li qed jespandu ***Ewropej b'mod aktar effettiv***; ***jistieden lill-Kummissjoni taġixxi bħala klijent ta' tnedija billi tiddedika sehem mill-akkwist tagħha stess għan-negozji li qed jespandu Ewropej;***

Or. en

**Emenda 90**

**Morten Løkkegaard, Morten Petersen, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self u kapital ta' riskju, u tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi fond Ewropew iddedikat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; | 10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self u kapital ta' riskju, ***aċċess għall-kapital permezz tal-finanzjament kollettiv,*** u tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi fond Ewropew iddedikat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 91**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self u kapital ta' riskju, u tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi fond Ewropew iddedikat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; | 10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self u kapital ***ta' avvjament u*** ta' riskju, u tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi fond Ewropew iddedikat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 92**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***10a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi protett u promoss l-aċċess tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu għal proċessi ta' akkwist pubbliku, bħal fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, biex jitrawwem il-ħolqien ta' settur diġitali Ewropew dinamiku u kompetittiv; jitlob, f'dan il-kuntest, li mill-inqas 10 % tal-kuntratti diġitali tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni jiġu allokati għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu;*** |

Or. en

**Emenda 93**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***10b. Iħeġġeġ regolamentazzjoni li tippermetti li l-fondi, l-assigurazzjonijiet u investituri istituzzjonali oħra jinvestu porzjon sinifikanti ta' mandati ta' investiment ġodda f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu; isostni skema ta' investiment tal-BEI ta' EUR 100 miljun biex tappoġġja s-self ta' investiment fl-infrastruttura għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu involuti fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, soġġetta għal kundizzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Damian Boeselager**

f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu ***l-investimenti tagħhom f’negozji*** ġodda u ***negozji*** li qed jespandu***, partikolarment dawk li joperaw f’setturi emerġenti u b’potenzjal għoli***; | 11. ***Ifakkar fir-rwol katalitiku li għandu l-appoġġ pubbliku mmirat, fil-forma ta’ għotjiet, self jew garanziji ta’ self, biex jitnaqqas id-distakk tal-finanzjament għall-infrastruttura u għall-kapaċità tal-manifattura għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu, b’mod partikolari f’każijiet fejn l-investimenti privati ma jkunux biżżejjed jew ma jkunux disponibbli;*** iħeġġeġ***, għalhekk,*** lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu ***l-appoġġ finanzjarju lin-negozji*** ġodda u ***lin-negozji*** li qed jespandu***, permezz tal-provvista ta’ garanziji ta’ self u t-tneħħija tar-riskji ta’ negozji ġodda tal-manifattura permezz ta’ garanziji tal-manifattura***; |

Or. en

**Emenda 95**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom f’negozji ġodda u negozji li qed jespandu, partikolarment dawk li joperaw f’setturi emerġenti ***u*** b’potenzjal għoli; | 11. Iħeġġeġ lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom f’negozji ġodda u negozji li qed jespandu, partikolarment dawk li joperaw f’setturi emerġenti**,** b’potenzjal għoli ***u tat-teknoloġija, b’mod partikolari fil-kampijiet tal-enerġija tal-UE u tar-reżiljenza klimatika u t-trasformazzjoni diġitali***; |

Or. en

**Emenda 96**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu, partikolarment dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli; | 11. Iħeġġeġ lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu, partikolarment dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli ***u f'negozji li l-kapital azzjonarju tagħhom huwa kkontrollat fil-maġġoranza tiegħu minn persuni li għandhom inqas minn 35 sena***; |

Or. it

**Emenda 97**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ ***lill-Fond*** Ewropew tal-Investiment ***u*** lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu, partikolarment dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli; | 11. Iħeġġeġ ***lill-grupp tal-Bank*** Ewropew tal-Investiment***, inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment kif ukoll*** lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu, partikolarment dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli; |

Or. en

**Emenda 98**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Iħeġġeġ lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu, ***partikolarment*** dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli; | 11. Iħeġġeġ lill-Fond Ewropew tal-Investiment u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-investimenti tagħhom ***b'mod ekwu*** f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu, ***inkluż*** dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli; |

Or. en

**Emenda 99**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jirrikonoxxi, b'mod partikolari, li l-Grupp tal-BEI għandu rwol kruċjali fil-provvista ta' strumenti finanzjarji u riżorsi li jappoġġjaw negozji ġodda u negozji li qed jespandu tat-teknoloġija nadifa madwar l-Unjoni kollha; jenfasizza l-ħtieġa li l-BEI jsir bank tal-klima prominenti, bħala parti mill-impenn tal-Unjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Ftehim ta' Pariġi; josserva li ħafna negozji ġodda mhumiex konxji biżżejjed mill-offerti tal-BEI; jissottolinja li huma essenzjali komunikazzjoni aħjar u sforzi ta' sensibilizzazzjoni mill-BEI biex jiżgura li n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-istrumenti u l-appoġġ finanzjarju tal-BEI;*** |

Or. en

**Emenda 100**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet u strateġiji komprensivi dwar kif tinġabar l-innovazzjoni teknoloġika ffaċilitata minn negozji ġodda u negozji li qed jespandu għall-promozzjoni tal-kompetittività u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Johan Nissinen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jitlob li jiġu stabbiliti regolamenti u oqfsa li jiffavorixxu n-negozji l-ġodda u li jiffaċilitaw it-tkabbir, l-iskalabbiltà u l-operazzjonijiet transfruntiera ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza tad-data u l-kompetizzjoni ġusta; | 12. Jitlob li jiġu stabbiliti regolamenti u oqfsa li jiffavorixxu n-negozji l-ġodda u li jiffaċilitaw it-tkabbir, l-iskalabbiltà u l-operazzjonijiet transfruntiera ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza tad-data u l-kompetizzjoni ġusta; ***jiddeplora l-piż regolatorju dirett u indirett dejjem jiżdied mil-leġiżlazzjoni tal-UE għall-SMEs u l-ekonomija kollha kemm hi, li huwa kkaratterizzat minn żieda sinifikanti fil-ħin u fil-kostijiet, pereżempju minn obbligi ta' rappurtar dejjem ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 102**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jitlob li jiġu stabbiliti regolamenti u oqfsa li jiffavorixxu n-negozji l-ġodda u li jiffaċilitaw it-tkabbir, l-iskalabbiltà u l-operazzjonijiet transfruntiera ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza tad-data u l-kompetizzjoni ġusta; | 12. Jitlob li jiġu stabbiliti regolamenti u oqfsa ***ddedikati*** li jiffavorixxu n-negozji l-ġodda u li jiffaċilitaw it-tkabbir, l-iskalabbiltà u l-operazzjonijiet transfruntiera ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, filwaqt li jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza tad-data u l-kompetizzjoni ġusta; |

Or. en

**Emenda 103**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jenfasizza l-importanza fundamentali li tinħoloq ekosistema ta' negozji ġodda inklużiva li tipprovdi opportunitajiet indaqs u aċċess għall-individwi kollha, irrispettivament mill-isfond jew miċ-ċirkostanzi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu inizjattivi u politiki proattivi li jippromwovu l-inklużività b'mod attiv billi jindirizzaw l-ostakli sistemiċi, il-preferenzi, u l-preġudizzji, irawmu kundizzjonijiet ekwi għal gruppi sottorappreżentati; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ rilevanti, opportunitajiet ta' networking, kif ukoll inizjattivi edukattivi u oħrajn li jimmiraw gruppi sottorappreżentati b'mod speċifiku;*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Johan Nissinen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jilqa' l-inizjattiva reċenti tal-Gvern Federali Ġermaniż li tipproponi "Inizjattiva Ewropea għat-Tnaqqis tal-Burokrazija" bil-għan li jiġi introdott "Indiċi tal-Kostijiet tal-Burokrazija" għar-regolamentazzjoni tal-UE; jesprimi dispjaċir għall-fatt li bħalissa ma hemmx biżżejjed data fil-livell tal-UE biex tippermetti rendikont bir-reqqa u analiżi tal-problemi, sabiex tippermetti t-tnaqqis tal-burokrazija fir-regolamentazzjoni tal-UE għall-SMEs u l-ekonomija kollha kemm hi;[1a]*** |
| | ***1a https://www.bmwk.de/Redaktion/DE/Pressemitteilungen/2023/08/20230830-europaeische-entlastungsinitiative-zum-buerokratieabbau.html*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-appoġġ għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu fl-indirizzar tal-kumplessità regolatorja, billi tespandi l-programmi għall-promozzjoni*** |

***tal-kliniċi legali, pereżempju fil-kuntest taċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali;***

Or. en

**Emenda 106**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jilqa' l-pjan imħabbar tal-Kummissjoni li tnaqqas l-obbligi ta' rappurtar b'25 %; ifakkar, madankollu, li huma meħtieġa aktar miżuri konkreti u li t-tnaqqis ippjanat għandu japplika għal-leġiżlazzjoni attwali u dik li jmiss;*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12b. Ifakkar fit-talba tiegħu għall-ħolqien ta' strument ta' rappurtar uniku (2023/2750(RSP), għall-inklużjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar kollha fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", imfassal b'rekwiżiti speċifiċi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni lesti għall-użu għall-kumpaniji fuq bażi flessibbli; jenfasizza li dan l-istrument għandu jipprovdi wkoll rabta għall-offerti tal-UE u l-opportunitajiet ta' finanzjament u jkun qed iservi ta' punt uniku ta' servizz li jikkonsolida l-appoġġ*** |

| | |
|---|---|
| | ***finanzjarju u mhux finanzjarju rilevanti kollu,*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12b. Jisħaq li huwa meħtieġ ekwilibriju delikat għall-iżvilupp ta' xenarju teknoloġiku li jinkorpora kemm il-kompetizzjoni kif ukoll l-innovazzjoni; huwa tal-fehma li l-mekkaniżmi regolatorji jridu jadattaw u jevolvu flimkien mal-avvanzi teknoloġiċi biex isostnu l-kompetittività u l-innovazzjoni, speċjalment fir-rigward tan-negozji ġodda Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Damian Boeselager**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12b. Jirrakkomanda li l-Ingliż jiġi introdott bħala lingwa kummerċjali uffiċjali addizzjonali fl-amministrazzjoni kollha relatata biex tiġi ffaċilitata l-espansjoni transfruntiera u l-faċilità amministrattiva tan-negozji ġodda;*** |

Or. en

**Emenda 110**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12c. Huwa favur approċċ proattiv fir-rispons għat-teknoloġiji emerġenti u għall-bidliet fis-suq, filwaqt li jiżgura li l-oqfsa regolatorji rilevanti jkunu aġġornati u effettivi;*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jirrakkomanda l-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati, il-kollaborazzjoni bejn in-negozji l-ġodda u l-kumpaniji stabbiliti, u l-ħolqien ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni biex jitrawmu t-trasferiment tal-għarfien, ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll l-aċċess għal swieq teknoloġiċi ġodda; | 13. Jirrakkomanda l-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati, il-kollaborazzjoni bejn in-negozji l-ġodda u l-kumpaniji stabbiliti, u l-ħolqien ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni biex jitrawmu t-trasferiment tal-għarfien, ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll l-aċċess għal swieq teknoloġiċi ġodda; ***jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ l-EIT u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tematiċi tiegħu f'dan l-isforz;*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jirrakkomanda l-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati, il-kollaborazzjoni bejn in-negozji l-ġodda u l-kumpaniji stabbiliti, u l-ħolqien ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni biex jitrawmu ***t-trasferiment*** tal-għarfien, ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll l-aċċess għal swieq teknoloġiċi ġodda; | 13. Jirrakkomanda l-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati, il-kollaborazzjoni bejn in-negozji l-ġodda u l-kumpaniji stabbiliti, u l-ħolqien ta' raggruppamenti tal-innovazzjoni biex jitrawmu ***u jiġu appoġġjati finanzjarjament attivitajiet tat-trasferiment*** tal-għarfien ***u tat-teknoloġija***, ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll l-aċċess għal swieq teknoloġiċi ġodda; |

Or. en

**Emenda 113**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jappella għal sħubijiet u inizjattivi strateġiċi li jħeġġu l-kollaborazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, u l-ġbir tar-riżorsi fost l-akkademja, l-atturi tal-industrija, u l-aġenziji tal-gvern, li jisfruttaw is-saħħiet u l-għarfien kollettiv tagħhom; iħeġġeġ l-għoti ta' għotjiet aktar immirati, self b'imgħax baxx, u investimenti fl-ekwità minn aġenziji tal-gvern u investituri privati, li jiżguraw sistema ta' appoġġ finanzjarju sostenibbli għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu f'diversi stadji ta' tkabbir;*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Jissottolinja l-potenzjal tal-innovazzjoni transsettorjali biex tmexxi l-avvanzi innovattivi, ittejjeb il-kompetittività, u tindirizza l-isfidi kumplessi tas-soċjetà billi tippromwovi sinerġiji bejn setturi u industriji differenti; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa kritika li titrawwem l-innovazzjoni transsettorjali fl-ekosistema tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu tal-Unjoni Ewropea; jippromwovi inċentivi u mekkaniżmi ta' finanzjament li jappoġġjaw il-proġetti transsettorjali, li jippermettu li n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jesploraw kollaborazzjonijiet mhux konvenzjonali u jgħaqqdu flimkien għarfien espert varjat, b'mod partikolari f'oqsma bħall-enerġija rinnovabbli, il-bijoteknoloġija, il-bliet intelliġenti, u s-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi;*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u jheġġu l-intraprenditorija;* | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Patrizia Toia, Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija***;*** | 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija***, bħal li joffru krediti tat-taxxa għar-R&Ż, inċentivi fiskali għal investimenti fl-innovazzjoni u s-sostenibbiltà, jew tnaqqis fil-piż tat-taxxa f'oqsma speċifiċi ħdejn ċentri ta' riċerka sabiex tinħoloq konċentrazzjoni b'saħħitha ta' negozji ġodda u għarfien espert filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' ċerti żoni ġeografiċi, anke fil-qafas ta' Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. ***Jistieden*** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni***, fejn applikabbli,*** jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija; | 14. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment ***permezz ta' inċentivi fiskali għal finanzjaturi privati li jiddeċiedu li jappoġġjaw in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu*** u jħeġġu l-intraprenditorija; |

Or. it

**Emenda 118**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija***;*** | 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi ***mmirati*** u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u ***l-iskalabbiltà, u*** jħeġġu l-intraprenditorija; |

Or. en

**Emenda 119**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija***;*** | 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati***, inkluż proċeduri transfruntiera,*** biex jattiraw u jżommu t-talent ***u n-nomadi diġitali***[1a], jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija; |
| | ___ |
| | [1a] ***In-nomadi diġitali huma persuni, ħafna drabi minn negozji ġodda, kreattivi u innovaturi, li jivvjaġġaw liberament waqt li jaħdmu mill-bogħod bl-użu tat-teknoloġija u tal-internet. Għalkemm in-nomadi diġitali jgawdu vantaġġi ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***libertà u flessibbiltà, huma jiffaċċjaw ukoll sfidi jinkludu ż-żamma tal-assigurazzjoni tas-saħħa internazzjonali b'kopertura globali, ir-rispett tal-liġijiet lokali differenti inkluż il-pagament tat-taxxi meħtieġa u l-kisba tal-viżi għal xogħol. Huwa rari ħafna li jkollhom aċċess għall-benefiċċji tal-irtirar u għall-assigurazzjoni kontra l-qgħad.*** |

Or. en

**Emenda 120**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija; | 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa favorevoli għall-intraprendituri ***u għall-investituri informali***, inċentivi u proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent, jinċentivaw l-investiment u ***l-iskalabbiltà, u*** jħeġġu l-intraprenditorija; |

Or. en

**Emenda 121**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa ***favorevoli*** | 14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn applikabbli, jistabbilixxu reġimi tat-taxxa ***li jinċentivaw*** |

| | |
|---|---|
| ***għall-intraprendituri, inċentivi u*** proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent***, jinċentivaw l-investiment u jħeġġu l-intraprenditorija***; | ***l-intraprenditorija u l-investiment, kif ukoll*** proċeduri amministrattivi simplifikati biex jattiraw u jżommu t-talent; |

Or. en

**Emenda 122**
**Patrizia Toia, Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investimenti fit-taħriġ u fl-edukazzjoni billi joħolqu programmi ta' studju u korsijiet iffukati fuq ħiliet intraprenditorjali u teknoloġiċi, filwaqt li jintegraw ukoll inizjattivi ta' tagħlim tul il-ħajja għall-intraprendituri diġà attivi fis-settur, b'mod partikolari għan-negozji li qed jespandu;*** |

Or. en

**Emenda 123**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jenfasizza l-impatt sinifikanti li l-pagamenti tard għandhom fuq il-likwidità għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu u l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali biex tiġi ffaċilitata aktar trasparenza tal-fatturi u pagamenti tal-fatturi aktar mgħaġġla;*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jenfasizza l-urġenza li jitnaqqas id-distakk fit-talent perċepit u tinħoloq ekosistema fejn it-talent mhux biss ikun kbir iżda wkoll integrat bis-sħiħ fis-settur tat-teknoloġija;*** |

Or. en

**Emenda 125**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jenfasizza l-imperattiv li titrawwem ekosistema teknoloġika robusta madwar l-Ewropa kollha, li tipprovdi opportunitajiet attraenti u ambjent li jwassal għaż-żamma tat-talent; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jsir investiment sostanzjali fi programmi ta' edukazzjoni u taħriġ iċċentrati fuq it-teknoloġija, li jallinjaw il-kurrikuli mad-domandi tal-industrija li dejjem qed jevolvu; jinnota f'dan ir-rigward li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, l-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni b'mod aktar wiesa' jistgħu jiġu estiżi biex fost l-oħrajn jiffaċilitaw aktar l-istabbiliment ta' kollaborazzjonijiet strateġiċi bejn l-istituzzjonijiet akkademiċi u l-industriji biex jiżguraw li l-gradwati jkunu ppreparati sew u mgħammra bil-ħiliet mitluba mis-suq tax-xogħol dinamiku;*** |

Or. en

**Emenda 126**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Jappella għal mekkaniżmi biex jimmitigaw ir-riskji assoċjati mal-espansjoni internazzjonali, li jiżguraw li n-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu jkollhom l-appoġġ u l-gwida meħtieġa biex jinnavigaw l-inċertezzi inerenti fis-swieq globali;*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Patrizia Toia, Tsvetelina Penkova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jippromwovu l-ħiliet diġitali, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-intraprenditorija u l-mentoraġġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, li jgħammru lill-individwi bl-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-era diġitali; | 15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jippromwovu l-ħiliet diġitali, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-intraprenditorija u l-mentoraġġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, li jgħammru lill-individwi bl-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-era diġitali***, inkluż bil-ħiliet STEM***; ***jappella, f'dan ir-rigward, għal appoġġ għall-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ u ta' konsultazzjoni biex jgħinu lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jinnavigaw b'mod effettiv id-diversi sfidi ta' wara l-finanzjament, bħall-ġestjoni tar-riżorsi u l-ippjanar strateġiku;*** |

Or. en

**Emenda 128**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jippromwovu l-ħiliet diġitali, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-intraprenditorija u l-mentoraġġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, li jgħammru lill-individwi bl-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-era diġitali; | 15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jippromwovu l-ħiliet diġitali, ***l-innovazzjoni miftuħa,*** il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien***, każijiet eżemplari bħala xprunaturi għall-innovazzjoni, it-taħriġ tal-kumpanija, il-kapital ta' riskju korporattiv***, l-intraprenditorija u l-mentoraġġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, li jgħammru lill-individwi bl-għarfien***, il-kultura,*** u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-era diġitali ***b'hekk itejbu r-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 129**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jippromwovu l-ħiliet diġitali, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-intraprenditorija u l-mentoraġġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, li jgħammru lill-individwi bl-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-era diġitali; | 15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jippromwovu l-ħiliet diġitali ***u industrijali***, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, l-intraprenditorija u l-mentoraġġ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, li jgħammru lill-individwi bl-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa biex jirnexxu fl-era diġitali***, u li jippermettu l-ħolqien ta' viża tan-negozji ġodda pan-Ewropea***; |

Or. en

**Emenda 130**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jirrikonoxxi li l-individwi b'ideat innovattivi u fixkiela ħafna drabi jiffaċċjaw ostakli finanzjarji sinifikanti meta jibdew in-negozji tagħhom, inkluża l-isfida tal-aċċess għal finanzjament adegwat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-individwi b'ideat innovattivi u fixkiela fil-bidu ta' negozji u negozji ġodda, speċjalment diffikultajiet finanzjarji u aċċess limitat għal finanzjament inizjali; iħeġġiġhom, għalhekk, jesploraw u jevalwaw il-possibbiltà li jiżviluppaw programmi u inizjattivi li jiffaċilitaw l-aċċess tal-intraprendituri individwali għall-finanzjament, inklużi miżuri li jissimplifikaw il-proċessi tal-applikazzjoni għall-finanzjament u jnaqqsu l-ostakli amministrattivi, biex jippromwovu u jappoġġjaw inizjattivi li għandhom l-għan li joħolqu ambjent intraprenditorjali aktar favorevoli għall-innovaturi individwali, inkluż it-tixrid ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament, il-provvista ta' assistenza teknika, l-istabbiliment ta' networks ta' appoġġ, u li jeżaminaw l-aħjar prattiki fl-UE u f'pajjiżi oħra fil-qasam tal-appoġġ għall-intraprenditorija individwali sabiex jidentifikaw strateġiji effettivi għall-indirizzar tal-isfidi finanzjarji;*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffinanzjaw kampanji ta' komunikazzjoni biex jippromwovu l-impjiegi f'ambjenti diġitali u industrijali, b'enfasi speċifika fuq l-attrazzjoni ta' aktar talenti nisa f'dawn is-setturi;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jinnota bi tħassib li l-UE kollha kemm hi għandha inqas programmi ta' studju tal-ewwel grad fl-IA minn xi pajjiżi li huma ferm iżgħar; jemmen li hemm bżonn ta' approċċ immirat fil-livell tal-UE biex dan jiġi rrettifikat;*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw mekkaniżmi ta' ppremjar u*** |

***sistemi ta' inċentivi fiskali fil-livell reġjonali u nazzjonali għal proġetti ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu li huma ta' importanza pubblika;***

Or. it

**Emenda 134**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15b. Iħeġġeġ l-integrazzjoni mingħajr xkiel tas-sostenibbiltà bħala tema intrinsika fl-operazzjonijiet ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu, filwaqt li jenfasizza r-rwol imperattiv tagħhom li jaderixxu ma' prattiki ekoloġiċi u, meta rilevanti, jikkontribwixxu b'mod attiv għall-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Morten Løkkegaard, Morten Petersen, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi negozji ġodda u negozji li qed jespandu fil-programmi tagħha ta' ħiliet u talent u tenfasizza l-opportunitajiet li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jipprovdu għall-gradwati żgħażagħ, inkluż l-impjieg; | 16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi negozji ġodda u negozji li qed jespandu fil-programmi tagħha ta' ħiliet u talent u tenfasizza l-opportunitajiet li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jipprovdu għall-gradwati żgħażagħ, inkluż l-impjieg; ***jenfasizza l-ħtieġa attwali li jiġu attirati ħaddiema tas-sengħa lejn in-negozji ġodda, in-negozji li qed jespandu u l-SMEs, inkluż possibbilment minn barra l-UE; jirrikonoxxi, f'dan ir-*** |

***rigward, il-potenzjal fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri fl-Istati Membri għall-ħaddiema kwalifikati u għall-ħaddiema tas-sengħa li japplikaw għal impjiegi f'setturi b'livell baxx ta' qgħad;***

Or. en

**Emenda 136**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi negozji ġodda u negozji li qed jespandu fil-programmi tagħha ta' ħiliet u talent u tenfasizza l-opportunitajiet li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jipprovdu għall-gradwati żgħażagħ, inkluż l-impjieg; | 16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi negozji ġodda u negozji li qed jespandu fil-programmi tagħha ta' ħiliet u talent u tenfasizza l-opportunitajiet li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jipprovdu għall-gradwati żgħażagħ, inkluż l-impjieg; ***jemmen li l-programmi u l-inizjattivi edukattivi eżistenti tal-Unjoni, l-aktar Erasmus+, jistgħu jiġu ingranati għall-objettivi;*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jenfasizza l-importanza li jiġi attirat, reklutat u miżmum persunal kompetenti għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu; jisħaq li, fi żminijiet ta' swieq tax-xogħol stretti tal-UE għall-impjegati tas-sengħa, l-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' talent*** |

***internazzjonali huwa essenzjali; ifaħħar, f'dan il-kuntest, it-tneħħija tar-rekwiżiti ta' kwalifiki u ħiliet għat-talent tal-IT u d-dritt għal mobbiltà intra-UE fid-Direttiva dwar il-Karta Blu aġġornata; jemmen li aktar unifikazzjoni tas-27 suq tax-xogħol tal-UE u kodiċi tal-migrazzjoni aktar unifikat, li jistabbilixxi l-kanali tant meħtieġa għall-migrazzjoni tal-ħaddiema fil-livell tal-ħiliet kollha, se jżidu l-attrazzjoni tal-Unjoni għat-talent internazzjonali;***

Or. en

**Emenda 138**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jenfasizza l-importanza tas-salvagwardja tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, tal-promozzjoni tad-diversità u l-inklużività fl-ekosistema tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu, l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inklużi ż-żgħażagħ, il-professjonisti stabbiliti u l-gruppi sottorappreżentati;*** |

Or. en

**Emenda 139**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***16b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-inizjattiva Riżerva ta' Talent tal-UE bħala mudell miftuħ, ibbażat fuq espressjoni ta' interess, li jqabbel il-postijiet vakanti Ewropej ma' talent internazzjonali mil-livelli kollha ta' ħiliet u mill-pajjiżi ta' oriġini kollha; jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal dan f'kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni usa' "Make it in Europe" immirata biex tattira t-talent internazzjonali;***

Or. en

**Emenda 140**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16c. Jissottolinja l-importanza li l-applikazzjonijiet għall-viża ma jiħdux aktar minn tliet xhur biex tiġi żgurata s-sigurtà fir-reklutaġġ għan-negozji ġodda Ewropej; ifaħħar l-introduzzjoni ta' punt uniku ta' kuntatt għall-applikazzjonijiet tal-viża u l-amministrazzjoni tal-integrazzjoni f'diversi muniċipalitajiet akbar;*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16d. Jistieden lill-Kummissjoni*** |

***tirrieżamina l-benefiċċju potenzjali ġenerali li tippermetti l-għoti mħaffef ta' viża sponsorjata minn impjegatur bi ħlas addizzjonali, sakemm dan iwassal għal aktar kapaċità u għal proċeduri aktar mgħaġġla għall-applikanti kollha;***

Or. en

**Emenda 142**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16e. Jistieden lill-Kummissjoni tneħħi l-ostakli għax-xogħol mill-bogħod transfruntier kif ukoll għax-xogħol transfruntier b'mod ġenerali, bħal pereżempju billi tappoġġja d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri kollha meħtieġa għall-permessi;*** |

Or. en

**Emenda 143**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jirrakkomanda li ***jiġu stabbiliti*** ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li ***jappoġġjaw l-intraprenditorija*** lokali, ***iċ-ċentri*** ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, ***u*** jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; | 17. Jirrakkomanda li ***jissaħħu*** ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li ***jgħaqqdu flimkien universitajiet*** lokali, ***intraprendituri, kumpaniji u entitajiet tas-settur pubbliku, inkluż permezz ta' ċentri*** ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, ***biex*** jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; ***jistieden lill-Kummissjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tikkoordina aħjar bejn il-politika tal-innovazzjoni bbażata fuq il-post u l-politika tal-innovazzjoni xprunata mill-eċċellenza fil-livell tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 144**
**Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; | 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; ***iħeġġeġ lill-gvernijiet nazzjonali u reġjonali jipprovdu garanziji pubbliċi għal negozji ġodda abbażi tal-proġetti ppreżentati - li jkunu ta' importanza pubblika - sabiex jippermettu l-bankabbiltà tagħhom;*** |

Or. it

**Emenda 145**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; | 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; ***jirrakkomanda li tali ekosistemi reġjonali tan-negozji ġodda*** |

| | |
|---|---|
| | ***jsiru forum għall-mexxejja tal-ekosistemi biex jiskambjaw l-ideat u l-aħjar prattiki;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta’ negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta’ innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b’saħħithom u r-riżorsi ta’ kull reġjun; | 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta’ negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta’ innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b’saħħithom u r-riżorsi ta’ kull reġjun; ***iħeġġeġ lil dawn l-ekosistemi reġjonali ta’ negozji ġodda joħolqu opportunitajiet għall-iskambju ta’ ideat u tal-aħjar prattiki;*** |

Or. it

**Emenda 147**
**Dace Melbārde, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta’ negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta’ innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b’saħħithom ***u r-riżorsi*** ta’ kull reġjun; | 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta’ negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta’ innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b’saħħithom ta’ kull reġjun***, filwaqt li fl-istess ħin jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament***; |

Or. en

**Emenda 148**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, iċ-ċentri ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; | 17. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti ekosistemi ta' negozji ġodda reġjonali li jappoġġjaw l-intraprenditorija lokali, ***l-aċċelleraturi, il-ħallieqa tan-negozji,*** iċ-ċentri ta' innovazzjoni u l-inkubaturi, u jisfruttaw il-punti b'saħħithom u r-riżorsi ta' kull reġjun; |

Or. en

**Emenda 149**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jinnota l-istejjer ta' suċċess ta' ekosistemi tan-negozji ġodda f'reġjuni oħra, bħal Silicon Valley, Tel Aviv, u Shenzhen, u l-lezzjonijiet meħuda mill-esperjenzi tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Istati Membri jistabbilixxu miżuri u inizjattivi li jrawmu ekosistema ta' innovazzjoni billi jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-akkademja, il-laboratorji nazzjonali, in-negozji akbar, l-aġenziji ta' finanzjament u jippermettu l-bini ta' konsorzji;*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Zdzisław Krasnodębski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta' data tal-gvern u tas-settur pubbliku, li jippermettu approfondiment dwar id-data f'ħin reali u b'hekk, teħid aħjar ta' deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tikkunsidra*** miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta' data tal-gvern u tas-settur pubbliku, li jippermettu approfondiment dwar id-data f'ħin reali u b'hekk, teħid aħjar ta' deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n- | 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tqis jekk humiex meħtieġa*** miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta' data tal-gvern u tas-settur pubbliku***, rigward il-leġiżlazzjoni fis-seħħ u f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għad-Data***, li jippermettu approfondiment dwar id-data f'ħin reali u b'hekk, teħid |

negozji li qed jespandu;

aħjar ta’ deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu;

Or. it

**Emenda 153**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta’ data tal-gvern u tas-settur pubbliku, li jippermettu approfondiment dwar id-data f’ħin reali u b’hekk, teħid aħjar ta’ deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; | 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta’ data tal-gvern u tas-settur pubbliku***, f’konformità ma’ standards internazzjonali u li jappoġġjaw id-data miftuħa***, li jippermettu approfondiment dwar id-data f’ħin reali u b’hekk, teħid aħjar ta’ deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 154**
**Damian Boeselager**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta’ data tal-gvern u tas-settur pubbliku, li jippermettu approfondiment ***dwar id-data*** f’ħin reali u b’hekk, teħid aħjar ta’ deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; | 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta’ data tal-gvern u tas-settur pubbliku ***u tinkoraġġixxi l-użu pubbliku ta’ software b’sors miftuħ***, li jippermettu approfondiment f’ħin reali u b’hekk, teħid aħjar ta’ deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 155**
**Ivars Ijabs, Christophe Grudler, Klemen Grošelj, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta' data tal-gvern u tas-settur pubbliku, li jippermettu approfondiment dwar id-data f'ħin reali u b'hekk, teħid aħjar ta' deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; | 18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiftaħ settijiet ta' data tal-gvern u tas-settur pubbliku***, li jipproteġu dejjem id-data personali***, li jippermettu approfondiment dwar id-data f'ħin reali u b'hekk, teħid aħjar ta' deċiżjonijiet u stimolu tal-innovazzjoni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu; |

Or. en

**Emenda 156**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-Qafas għall-Aċċess għad-Data Finanzjarja, taħdem mal-industrija biex tistabbilixxi standards konsistenti u armonizzati għal settijiet ta' data finanzjarja u qafas li jiżgura kondiviżjoni tad-data finanzjarja aktar affidabbli, effiċjenti u innovattiva bejn in-negozji, il-partijiet terzi u l-gvernijiet biex tippromwovi ġestjoni finanzjarja soda tan-negozji żgħar;*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu vantaġġ mill-Att dwar id-Data u l-Att dwar il-Governanza tad-Data li ġew adottati reċentement biex trawwem ekosistema ta' swieq immexxija mill-Ewropa għad-data mhux personali; jissuġġerixxi li jiġu żviluppati oqfsa biex jarmonizzaw it-trattament tas-settijiet tad-data bħala assi fil-kontabbiltà u r-rappurtar ta' natura finanzjarja;*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw it-teknoloġija tal-IA biex isolvu l-isfidi ***ta' kuljum***, u li jibbenefikaw mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' settijiet ta' data pubbliċi u privati; | 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw it-teknoloġija tal-IA biex isolvu l-isfidi, u li jibbenefikaw mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' settijiet ta' data pubbliċi u privati ***biex jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali***; |

Or. en

**Emenda 159**
**Ivars Ijabs, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Klemen Grošelj, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw it-teknoloġija tal-IA biex isolvu l-isfidi ta' kuljum, u li jibbenefikaw mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' settijiet ta' data pubbliċi u privati; | 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw it-teknoloġija tal-IA biex isolvu l-isfidi ta' kuljum, u li jibbenefikaw mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' settijiet ta' data pubbliċi u privati***, filwaqt li jipproteġu data ta' natura sensittiva***; |

Or. en

**Emenda 160**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tqis*** miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw it-teknoloġija tal-IA biex isolvu l-isfidi ta' kuljum, u li jibbenefikaw ***mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta'*** settijiet ta' data pubbliċi u privati; | 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tivvaluta jekk humiex meħtieġa*** miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw it-teknoloġija tal-IA biex isolvu l-isfidi ta' kuljum, u li jibbenefikaw ***minn*** settijiet ta' data pubbliċi u privati ***b'rispett għal-leġiżlazzjonijiet fis-seħħ u f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għad-Data***; |

Or. it

**Emenda 161**

**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw ***it-teknoloġija tal-IA*** biex isolvu l-isfidi ta' kuljum, u li jibbenefikaw mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' settijiet ta' data pubbliċi u privati; | 19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis miżuri addizzjonali biex tiżgura li n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw id-data għar-riċerka u japplikaw ***algoritmi*** biex isolvu l-isfidi ta' kuljum, u li jibbenefikaw mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' settijiet ta' data pubbliċi u privati; |

Or. en

**Emenda 162**
**Ivars Ijabs, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Klemen Grošelj, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jenfasizza l-importanza tas-simplifikazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "darba biss" għall-kondiviżjoni tad-data bejn l-amministrazzjonijiet u l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" fi proċeduri amministrattivi, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri; jemmen li l-istandardizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri u tal-formoli, f'konformità ma' dawn il-prinċipji, se jgħinu b'mod sinifikanti lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu billi jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji;*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni rapida, armonizzata u effettiva tar-regolamenti diġitali reċenti, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali, l-Att dwar id-Data u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li jmiss, biex tivvaluta l-kostijiet finanzjarji u amministrattivi imposti fuq in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu biex jevalwaw l-impatt u l-effettività tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jitlob li jiġu żviluppati mekkaniżmi effiċjenti u trasparenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess min-naħa tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu għal kuntratti ta' akkwist pubbliku, filwaqt li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-forniment ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tas-settur pubbliku; | 20. Jitlob li jiġu żviluppati mekkaniżmi effiċjenti u trasparenti biex jiġi ffaċilitat l-aċċess min-naħa tan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu għal kuntratti ta' akkwist pubbliku, ***ibbażati fuq kriterji ta' sostenibbiltà, reżiljenza u użu mnaqqas ta' materja prima kritika***, filwaqt li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-forniment ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tas-settur pubbliku; |

Or. en

**Emenda 165**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħtar punti ta' kuntatt tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu fid-DĠ rilevanti biex jikkoordinaw politiki ddedikati aħjar;*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Morten Løkkegaard, Morten Petersen, Martina Dlabajová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività; | 21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività; ***jilqa' l-proposta tal-President tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita verifika tal-kompetittività minn bord indipendenti għal-leġiżlazzjoni ġdida tal-UE; jinsisti li dan il-kontroll tal-kompetittività jiffoka b'mod espliċitu u separat fuq in-negozji ġodda, in-negozji li qed jespandu u l-SMEs;*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Damian Boeselager**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***tiżviluppa u tadotta*** "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività; | 21. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***tqis*** "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt ***potenzjali*** tal-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni*** li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività; ***jissottolinja l-importanza taċ-ċarezza tad-dritt fit-testi regolatorji, kif ukoll il-mekkaniżmi biex jiġu llimitati l-kostijiet ta' konformità għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu;*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Elena Lizzi, Paolo Borchia, Matteo Adinolfi, Isabella Tovaglieri, Angelo Ciocca, Gianna Gancia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività; | 21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività ***u sabiex tiżgura li regolamentazzjoni eċċessiva ma tiskoraġġix il-ħolqien u l-iżvilupp ta' negozji ġodda fl-Ewropa***; |

Or. it

**Emenda 169**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Josianne Cutajar, Carlos**

**Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività***;*** | 21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "Test tan-Negozji l-Ġodda" fuq l-istess linji bħat-Test tal-SMEs li adottat fl-2021 sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività***, filwaqt li tiżgura li l-leġiżlazzjoni żejda ma tiddiżinċentivax lin-negozji ġodda fl-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jappella għal tnaqqis sinifikanti tal-piżijiet regolatorji maħluqa minn proċeduri amministrattivi u obbligi ta' rappurtar kumplessi żżejjed, u approċċ ibbilanċjat tal-leġiżlazzjoni tal-UE rigward it-trawwim tat-tkabbir, tal-intraprenditorija u tat-tranżizzjoni ekoloġika; jappella għall-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" fid-deliberazzjonijiet interni;*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Ivars Ijabs, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Klemen Grošelj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***22a. Jisħaq fuq l-importanza tal-applikazzjoni b'mod strett tat-"test tal-SMEs" għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" fil-proposti leġiżlattivi u l-inizjattivi ta' politika rilevanti kollha, sabiex jiġu żgurati valutazzjonijiet tal-impatt proporzjonati; jistieden lill-Kummissjoni tapplika b'mod konsistenti t-test tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt u tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 172**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tan-negozji ġodda u tan-negozji li qed jespandu u tfassal leġiżlazzjoni futura b'tali mod li ttejjeb il-kundizzjonijiet għal dawn l-impriżi;*** |

Or. en

**Emenda 173**
**Ivars Ijabs, Klemen Grošelj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***22b. Jilqa' għodod ġodda ta' regolamentazzjoni aħjar u l-prinċipju ta' "One In, One Out", iżda jemmen li hemm*** |

| | |
|---|---|
| | ***bżonn saħansitra aktar ambizzjoni dwar is-simplifikazzjoni regolatorja; jappella għalhekk għall-introduzzjoni ta' approċċ "One In, Two Out" fil-leġiżlazzjoni rilevanti sabiex jitnaqqsu b'mod effettiv il-piżijiet regolatorji, speċjalment għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu; jemmen li din is-simplifikazzjoni hija essenzjali biex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Markus Pieper, Angelika Niebler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22b. Iħeġġeġ l-applikazzjoni tal-prinċipju "One In, One Out" fid-dawl tal-leġiżlazzjoni attwali u dik futura u l-prinċipju ta' "darba biss" fir-rigward tal-obbligi ta' rappurtar;*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Ivars Ijabs, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Klemen Grošelj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22c. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-ħolqien ta' sistema volontarja ta' referenza ta' kreditu pan-Ewropea għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu li ma ngħatawx self bankarju, biex tgħin fl-identifikazzjoni ta' għażliet ta' finanzjament alternattivi xierqa bbażati fuq is-suq bħall-kapital ta' riskju u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***finanzjament kollettiv; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu estiżi inizjattivi bħal VentureEU biex jattiraw investiment privat akbar f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu fit-tul; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex isaħħu l-inċentivi tat-taxxa għal investituri informali f'negozji ġodda u f'negozji li qed jespandu, ibbażati fuq kriterji komuni dwar id-daqs u d-durata tal-investiment; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-aħjar prattiki f'dan il-qasam madwar l-UE u tipprovdi rakkomandazzjonijiet biex tippromwovi qafas komuni;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tinkludi s-settur tan-negozji*** l-ġodda u ***n-negozji*** li qed jespandu fil-proċeduri ta' konsultazzjoni għal inizjattivi leġiżlattivi ġodda sabiex jiġi żgurat li l-miżuri proposti jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet tagħhom, jippermettu t-tkabbir u jkunu meħtieġa biex jippromwovu l-innovazzjoni fl-UE u jagħtu spinta lill-kompetittività industrijali u teknoloġika tal-UE; | 23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tqis aħjar it-tħassib u l-isfidi speċifiċi tal-kumpaniji*** l-ġodda u li qed jespandu fil-proċeduri ta' konsultazzjoni għal inizjattivi leġiżlattivi ġodda sabiex jiġi żgurat li l-miżuri proposti jkunu rilevanti għall-ħtiġijiet tagħhom, jippermettu t-tkabbir u jkunu meħtieġa biex jippromwovu l-innovazzjoni fl-UE u jagħtu spinta lill-kompetittività industrijali u teknoloġika tal-UE; |

Or. en

**Emenda 177**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***23a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-adegwatezza tal-istandards CE u l-proċessi ta' ċertifikazzjoni, kif ukoll il-kostijiet assoċjati tal-aċċess għal standards armonizzati, fir-rigward tal-istabbiliment u tat-tkabbir tan-negozji ġodda, tan-negozji li qed jespandu u tal-inizjattivi ffinanzjati mill-UE, inklużi l-SMEs b'finanzjament kaskata; jisħaq li din il-valutazzjoni għandha tinkludi prodotti maħluqa bl-użu ta' manifattura addittiva/stampar 3D (bħal, iżda mhux limitat għal, spare parts, apparat mediku, ġugarelli, materjali tal-kostruzzjoni, u bini bl-istampar 3D) u metodi oħra ta' produzzjoni diġitali; jissottolinja wkoll, li għandha tiġi investigata l-fattibbiltà billi jiġu introdotti "sandboxes" regolatorji jew leġiżlattivi; jissottolinja, barra minn hekk, li l-evalwazzjoni għandha tinkludi analiżi tal-impatt tal-effetti tar-regolamenti attwali dwar id-dħul fis-suq għal prodotti li jutilizzaw teknoloġiji tal-manifattura diġitali, b'mod partikolari li jiffoka fuq il-prodotti manifatturati bl-addittivi, iżda mhux limitat għalihom; jenfasizza li dan għandu jindirizza l-ostakli li jxekklu l-isfruttament sħiħ tal-adattabbiltà u tal-kosteffiċjenza notevoli offruti mis-sistemi tal-manifattura diġitali għall-personalizzazzjoni tal-prodotti u s-"sengħa diġitali";***

Or. en

**Emenda 178**
**Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Ivo Hristov, Carlos Zorrinho, Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

| | |
|---|---|
| | ***23a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' azzjoni tagħha għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex iżżid il-likwidità fis-swieq pubbliċi Ewropej u tinċentiva lin-negozji li qed jespandu biex jelenkaw ruħhom fil-boroż Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 179**
**Tomas Tobé, Sara Skyttedal, Jörgen Warborn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jitlob lill-Kummissjoni tapplika l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" f'kull qasam ta' politika rilevanti, sabiex tinħoloq leġiżlazzjoni li tixpruna t-tkabbir u l-iżvilupp tan-negozji żgħar u tan-negozji li qed jespandu;*** |

Or. en

**Emenda 180**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23b. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-użu tal-blockchain u ta' Teknoloġiji ta' Reġistru Distribwit oħra għall-protezzjoni tal-Proprjetà Intellettwali tal-UE u proċeduri u standards ta' ċertifikazzjoni avvanzati, bil-għan li jiġu armonizzati l-oqfsa legali differenti attwali u futuri fost l-Istati Membri; jieħu nota tal-EUIPO, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, li f'April 2021 nieda l-ewwel servizz ibbażat fuq il-blockchain*** |

***għall-istituzzjonijiet pubbliċi biex jipproteġu l-proprjetà intellettwali u li jintroduċi din l-innovazzjoni fil-Pjan Strateġiku tiegħu għall-2025;***

Or. en

**Emenda 181**
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23c. Jenfasizza l-ħtieġa tal-allinjament, tal-immodernizzar u tal-adattament tal-proċeduri u tar-regolamenti tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali biex jakkomodaw l-iżviluppi teknoloġiċi u l-ambjent li qed jinbidel b'rata mgħaġġla li fih joperaw in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu; jissottolinja b'mod partikolari l-adattabbiltà, it-traċċabbiltà, u l-opportunitajiet ta' ġestjoni tar-royalties ta' prodotti kemm diġitali kif ukoll fiżiċi permessi minn sistemi ta' manifattura diġitali u sengħa, disinn, u traċċabbiltà;*** |

Or. en